# Ħajta Deni

Jordi Punti

Traduzzjoni ta' Immanuel Mifsud

Kien hemm raġel jismu Leif u erba' xhur ilu ssepara minn mal-mara. La kien hemm involuti tfal u lanqas *pets*. Huwa żamm l-appartament għaliex, teknikament, kienet Irina li telqet lilu. Erba' xhur ta' eżistenza bla għan kienu biżżejjed biex inaqqxu fuq kull ħaġa madwaru, fuq ħajtu kollha kemm kienet, b'deżolazzjoni assoluta. Huwa jagħmilha tabirruħu li mhu jinduna b'xejn, imma fid-dawl tax-xemx l-għamara tiċċajpar bil-lega tal-għabra li minnha ma jgħaddix dawl. Kull ħaġa li kien hemm fil-kċina – il-kuċċarun, il-kalendarju, il-mehrież, il-friġġ – tidher mgħottija b'misteru insensibbli. U ma kienx se jeħodha bi kbira jekk dak il-lejl, jew forsi ta' wara, il-bozza fosforexxenti li hemm fis-saqaf tibda tteptep. F'ċerti għodwiet, malli jqum, kważi jibda jxomm ir-riħa tfuħ tal-kafè inkaljat u l-ħobż mixwi li kienet tagħmillu Irina qabel imur għax-xogħol. Fit-taħwid li sab ruħu fih, Leif idum minuta sħiħa biex jintebaħ li dan kollu hu biss ħolm, fdalijiet tal-imgħoddi imdendlin bħal frammenti tal-irqad. "Bħallikieku tlift idi x-xellugija u għadni nħossha," kien jgħid, "bħal qed inħoss iċ-ċurkett tat-tieġ jagħraxni." Iċ-ċurkett tat-tieġ qatt ma kien neħħieh. Billi jdejh kellhom it-tendenza jegħrqu ta' spiss kienu jikluh waqt li kien jilgħab it-tennis. Bejn punt u ieħor, Leif kien jogħrok kontinwament iċ-ċurkett tat-tieġ b'mod nervuż bħalma jagħmlu l-atleti professjonali. Iċ-ċurkett tat-tieġ qabad u qalgħu minn idu bla ħsieb ta' xejn dik l-għodwa meta hi telqet darba għal dejjem, iżda ħallieh fejn jarah, fuq il-komodina, imgeżwer f'maktur bl-inizjali tagħha, I.B., irrakkmati fuqu.

Minn dak il-jum meta sabbtet il-bieb tal-appartament għall-aħħar darba, u magħha ħadet biss bagoll żgħir imburġat sa ruħ ommu u basket se jixpakka l-aħħar ukoll, la qatt raha u lanqas sema' biha aktar. Għall-bidu, meta kien isaqsi dwarha lill-ħbieb li kienu jafu lilha wkoll – waqt xenati mimlija telefonati f'ħinijiet skomdi, laqgħat biżarri f'nofs ta' ljieli u dmugħ ma jaqta' xejn – dawn ma kinux jafu jagħtuh tweġiba ċara. Imma minn taħt il-għajn kien jilmaħhom jiskambjaw bejniethom ħars mimli messaġġi. Tgħid kien ħars ta' kompassjoni jew ta' kompliċità? Leif kien jibqa' jmaħħaħ dwar dan fi triqtu lura d-dar sulu sulu. It-tweġiba ħadha mill-għajnejn ħomor nar ta' xufier tat-taksi ostili ħafna jħarsulu mill-mera, jew waqt li kien qed jiġġerra fit-toroq ta' fejn kien joqgħod, hu u jomgħod il-qasba tal-umbrella żgħira tal-*cocktail*, li sa ftit qabel kellha togħma ta' lajm biz-zokkor, falza u bla gost daqs ħajtu.

F'dawn l-aħħar erba' xhur għex fi stat kontinwu ta' għadab b'intervalli qosra ta' krudeltà prożajka (bħal ngħidu aħna meta jiftaħ il-bieb tal-appartament u jsib tilqgħu l-intiena taqsam taż-żwieġ) u perjodi ta' tirżiħ (bħal meta jmur għax-xogħol u jintilef kompletament f'burraxka sħiħa ta' numri, trasferimenti bankarji u konverżazzjonijiet fuq it-telefown ma' ilħna newtrali). L-iskumdità netta tas-sitwazzjoni kompliet taggrava l-qalba tad-disperazzjoni tiegħu. Wara kollox, kienet hi li qalbithielu u mhux bil-kontra. U ma ħadhiex tajjeb. Minnu li s-sekwenza tal-avvenimenti kienet tidher irreali. Ix-xenarju kollu kemm kien, bil-passjonijiet ikkalkulati tiegħu, ma setax ikun aktar drammatiku milli kien. Kollox kien donnu qed iseħħ f'rumanz jew kien il-prodott ta' xi moħħ pervers. U – la qegħdin ngħidu dan kollu – ikun tajjeb li xi darba nisimgħu l-verżjoni ta' Leif ta' kif seħħet l-istorja, mill-bidu sal-aħħar, kemm naraw x'jgħid.

## 3

It-Tnejn wara nofsinhar: Leif jinsab ix-xogħol, fil-loki. Huwa u jaħsel idejh, tidħol fi mnieħru n-naska rifreskanti tas-sapun riħa ta' frawli. Iħares 'il fuq, jiftaħ għajnejh beraħ bil-ħbub imwessgħa u jħares b'serqa lejn ir-riflessjoni tiegħu fil-mera l-kbira. Veru, m'għadux jidher aktar bin-nervi. Illum, kollega tiegħu qallu kemm tul dawn l-aħħar xhur kien qed jagħli għalih. Dan il-kollega sseparat ukoll. Tassew, Leif m'għadux jidher aktar bin-nervi. M'għadux ikaxkar saqajh meta jimxi jew jaħseb dwar martu hu u jara t-televixin f'nofs ta' lejl, mitluq fuq is-sufan imqaddem (dak li għadu kemm ordna minn Ikea għadu ma wasallux). Il-ġerħa bdiet tagħlaq u l-qoxra nixfet.

Dan it-titjib kien diskuss waqt is-sessjoni mal-psikjatra nhar il-Ġimgħa li għadda. Leif ma kienx intebaħ, imma anki l-mod kif jitkellem inbidel. Issa

mid-dehra bejn sentenza u oħra qiegħed ideffes l-espressjoni "Irrid ngħid" b'ċerta konsistenza. Il-psikjatra assigurah li dan hu sinjal pożittiv għax juri li qed iħoss il-ħtieġa li jesprimi ruħu u jikkomunika mal-oħrajn. "L-aħjar plejers tat-tennis, irrid ngħid, dawk li nammira l-aktar, dejjem ikunu Żvizzeri," jgħid hu u jiċċassa lejn il-mera. U mid-dehra qiegħed itenni l-espressjoni "mingħajr dubju ta' xejn" pjuttost ta' spiss ukoll, sinjal ovvju ieħor li reġa' rabba ċerta stima lejh innifsu. Probabbilment dawn huma dawk l-affarijiet li l-psikjatra jieħu nota tagħhom saqt is-sessjonijiet ma' Leif. "Mingħajr dubju, l-Iżvizzeri huma l-aħjar plejers tat-tennis, mingħajr dubju." Mhux żgur li induna bit-ton kalm u ċert ta' leħnu hu u jirbombja mal-madum tal-loki. Ilaħlaħ idejh bl-ilma fietel, imbagħad, qabel ma jerġa' lura lejn l-uffiċċju, Leif jiċċekkja għal darba oħra x-xbieha tiegħu u jegħmżilha.

Huwa u miexi tul il-kuritur lura lejn l-iskrivanija tiegħu u jsaffar kuntent, jinduna li kważi sar il-ħin biex jispiċċa mix-xogħol. Iħares lejn id-djarju u jagħmel nota għal kull ħaġa li jrid jagħmel għada. Il-kliem joħroġ bil-qalb mill-pinna, b'ittri kbar li jridu jtiru bil-ferħ (fattur li x'aktarx il-psikjatra jmissu jinnota). Illum għandu logħba *squash* ma' dak il-kollega l-isseparat u se jasal id-dar tard. Qabel jitlaq iċempel id-dar biex jara hemmx messaġġi fuq l-*answering machine*. Isib tnejn. Wara l-introduzzjoni rrekordjata (li bidel ftit ġimgħat ilu meta ħassar il-kantaliena ħelwa ta' l-ex-martu), Leif jagħfas il-*password* u b'sorpriża kbira jisma' leħnu stess għal darb'oħra. Kien nesa li kien ċempel lilu nnifsu mix-xogħol. "Leif għada tinsiex tieħu l-ktieb ta' Garcia Marquez lil Lisa." Lisa kollega oħra, miżżewġa, li dan l-aħħar beda jħares lejha b'mod differenti. Illum waqt il-waqfa għall-kafè qalilha li kien għadu kif spiċċa *L-Imħabba fi Żmien il-Kolera* u tgħidx kemm għoġbu. B'ħarsa ta' ammirazzjoni, Lisa talbitu jislifhulha. U waqt li jistħajjel lilu nnifsu jerġa' jqalleb il-ktieb biex isib uħud mis-siltiet l-aktar kommoventi, u jħożż sing taħthom biex hi ssibhom f'daqqa waqt li tkun qiegħda taqra, jaqbad jitbissem.

It-tieni messaġġ, mgħoddi mill-ħanut tal-*videos* li hemm qrib daru, fil-verità jħallih xi ftit diżorjentat. Vuċi femminili, żagħżugħa u bla fatta (x'aktarx din it-tfajla kienet qiegħda tmaxtar xi tuffieħa) tgemgem kunjomu, tixtieqlu l-jum it-tajjeb u tfakkru li l-film li kera l-Ġimgħa li għadda kellu jkun irritornat dalgħodu. Għandhom żball, jaħseb Leif, bilfors li għandhom żball għax ma kien kera l-ebda film il-Ġimgħa. Kien ilu x-xhur ma jikri film. Imbagħad, tenna lilu nnifsu, "Għandhom żball, bilfors li għandhom żball." Billi fadallu ftit minuti oħra, Leif ifittex in-numru tal-klabb tal-*videos* fid-djarju elettroniku u jċempel. Taqbdu tfajla oħra, mhux l-istess waħda li ċemplet filgħodu. Din ta'

llejla tinstema' ħafna aktar serja. Huwa jibda jispjega li kien għadu kif sema' l-messaġġ u bilfors li kien hemm xi nuqqas ta' ftehim għax ma kien kera l-ebda film. Imma hi taqtagħlu fil-qasir billi tistaqsih kunjomu. Leif jismagħha tagħfas il-buttuni tal-kompjuter. Fl-isfond jibda jisma' wkoll siltiet ta' djalogu minn xi film romantiku li x'aktarx hemm għaddej fuq xi skrin tat-televixin. Leif kemm kemm jisma' żewġt iġsma jħokku huma u jinqalbu fil-lożor tal-ħarir waqt li qegħdin jonfħu f'xi xena ta' sess falz a la Hollywood. Pawsa u mbagħad, meta jistenna li se jerġa' jibda d-djalogu, l-istess tfajla li weġbitu tikkonfermalu li kera video, li suppost irritornah it-Tnejn. "Hekk għandi fuq il-kompjuter," tinsisti, u għalxejn Leif jgħid il-kuntrarju. Ma jafx x'jaqbad jgħid u kif jaqbad jipprotesta. Allura, biex jirbaħ ftit żmien, isaqsi x'jismu l-film mikri. "Film għall-kbar biss," twieġbu t-tfajla, "film porno."

Siegħa u nofs wara, huwa u jieħu doċċa wara l-logħba *squash*, waqt li l-kollega qed jipprova jikkonvinċih imorru jieħdu birra f'bar għas-*singles*, Leif għadu jaħseb dwar kif it-tfajla qaltlu l-kelma "porno" u jħoss bħal lega ta' umiljazzjoni tiksilu ġismu kollu, daqslikieku kienet xi ingredjent attiv tas-sapun tad-doċċa ipoallerġeniku li kien qiegħed juża.

**Jordi Punti** huwa kontributur regolari ta' *El Pais* ta' Barċellona. Għażla ta' novelli tiegħu jinsabu miġbura f'*Pell d'armadill* u *Animals tristos* u xi xogħlijiet tiegħu jinsabu f'għadd ta' antoloġiji ma' awturi ġodda Spanjoli, bħal *After Hours*, *Mar y montaña* u *Pequeñas resistencias*. Huwa ttraduċa xogħlijiet ta' Daniel Pennac, Amélie Nothomb, Marie Darrieussecq, u Paul Auster.